**27 ta' Jannar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Avukat Dottor Pio M. Valletta *noe*

*versus*

Raymond Calleja *noe*

## Appell - Kawtela fi Żmien Utili

*Hu ċar li meta l-liġi tgħid li d-depożitu għall-appell għandu jsir sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstema' l-appell, tkun qed tirreferi għal granet meta jinfetaħ ir-Registru tal-Qorti Superjuri għall-prezentati ta' l-atti ġudizzjarji; u dawk il-granet ma jinkludux is-Sibt u l-Ħadd.*

*Però hemm rimedju* in extremis *fis-sens li r-Registru "jista' b'ordni speċjali tal-Qorti jew b'ordni mogħti mir-Registratur jinfetaħ għall-prezentata ta' atti ġudizzjarji f'kull jum jew ħin li jkun".*

Il-Qorti:-

Din il-Qorti trid qabel xejn tistabbilixxi jekk dan l-appell jistax jiġi trattat jew le inkwantu jirriżulta li seta' ma ġiex kawtelat fi żmien utili skond il-liġi;

Jiġu reġistrati dawn il-fatti:

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Marzu, 1994 li rriġettat it-talba attriċi kif dedotta. Appella allura minnha l-attur *nomine*;

Il-petizzjoni ġiet notifikata lill-konvenut Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali fis-27 ta' April, 1994 u dan ippreżenta risposta fl-10 ta' Mejju, 1994 waqt li ġiet notifikata lill-appellat konvenut Raymond Calleja fit-28 ta' April, 1994 u dan irrisponda fit-12 ta' Mejju, 1994 meta l-atti kienu ġew definittivament konklużi;

Il-kawtela għall-ispejjeż ta' l-appell ġiet intaxxata mir-Reġistratur fit-18 ta' Lulju, 1996;

B'digriet tagħha tas-7 ta' Awissu, 1996 din il-Qorti ddekretat l-ewwel jum għas-smigħ tal-kawża għat-Tnejn, 18 ta' Novembru, 1996 fil-11.30 a.m. u ordnat il-ħruġ tar-relattivi avviżi. Infatti dawn l-avviżi ġew notifiakti lill-appellat Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali fis-16 ta' Awissu, 1996 u lill-appellat Raymond Calleja *nomine* fl-20 ta' Awissu, 1996;

L-avviż għas-smigħ tal-kawża, kif ukoll l-avviż għall-ħlas tal-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża fit-terminu ta' l-artikoli 209 u 249 tal-Kap. 12, kif emendat ġew notifikati lill-appellanti *nomine* fid-19 ta' Awissu, 1996;

L-avviż notifikat kien jispeċifika b'mod ċar illi l-garanzija

għall-ispejjeż tal-kawża kellha tiġi depożitata "Sa mhux aktar tard minn ġuranata qabel mid-data tas-smigħ ta' l-appell tiegħek. Jekk inti ma tagħmilx dan titlef id-dritt tas-smigh ta' l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell u l-kawża tiegħek tmur deżerta". Dana fit-termini ta' l-artikoli 209 u 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif emendat;

Jirriżulta bħala fatt li d-depożitu tal-kawtela sar mill-appellant *nomine* fit-18 ta' Novembru, 1996 ċjoè proprju dak in-nhar iffissat għall-ewwel smigħ ta' l-appell;

L-artikolu 209 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi illi:

Fil-Qorti ta' l-Appell, jekk meta tissejjaħ il-kawża, jinstab li ma tkunx saret il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża kif ipprovdut fl-artikolu 249, il-Qorti għandha minnufih tgħaddi biex tiddikjara l-appell deżert;

Iżda l-Qorti tista' tagħti lill-appellant żmien qasir li fih huwa jkun jista' jġib il-garanzija għall-ispejjeż jekk l-appell ikollu jinstema' bl-urġenza jew inkella jekk ir-Reġistratur ma jkunx:

Stabbilixxa s-somma li għandha titħallas bħala garanzija (li ma japplikax għall-każ taħt eżami) u;

Ma jkunx innotifika lill-appellant b'dan filwaqt li jgħarrfu b'dak l-avviż x'jista' jiġrilu fil-każ ta' nuqqas min-naħa tiegħu u dan mill-inqas għaxart ijiem qabel is-smigħ tal-kawża;

Dan l-avviż kjarament ingħata u ġie notifikat lill-appellant fi żmien utili ferm qabel l-għaxart ijiem statutorjament

meħtieġa. Għaddew infatti tliet xhur mid-data tan-notifika tiegħu sad-data ta' l-ewwel smigħ;

Is-subinċiż 1 ta' l-artikolu 249 jiprovdi mbagħad illi "fil-każ ta' appelli minn sentenzi jew digrieti mogħtija f'kawża (bħal din) mibdija b'ċitazzjoni, il-garanzija għall-ispejjeż għandha ssir u tiġi depożitata sà mill-inqas jum qabel ma jibda jinstema' l-appell";

Interessanti f'dan il-kuntest l-artikolu 251 f'dan it-titolu VI tal-Kap. 12 li jipprovdi li "bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 141 (li ma jirrigwardax dan il-każ) iż-żminijiet imsemmija fl-artikolu 226 huma perentorji". L-artikolu 226 jittratta dwar it-terminu ta' 20 ġuranta għall-preżentata ta' appell. Dan ifisser allura illi ż-żmien ta' għaxart ijiem għad-depożitu tal-garanzija ma hux perentorju. Għalhekk hu possibbli li dan jiġġedded b'dan però illi biex isir dan, irid ikun għal raġuni tajba kemm-il darba t-talba għal dan it-tiġdid tiġi magħmula fiż-żmien li tiegħu jintalab it-tiġdid (artikolu 106). Talba li jidher li f'dan il-każ ma saritx;

Il-jum stabbilit għall-ewwel smigħ f'din il-kawża u meta l-Qorti effettivament sejħitilha biex tismagħha kien it-18 ta' Novembru, 1996 li ħabat il-ġurnata tat-Tnejn. Il-kweżit hu - kif qed jippretendi l-appellant - illi una volta "il-jum qabel ma jibda jinstema' l-appell" ħabat allura l-Ħadd, setgħax id-depożitu jsir l-għada u ċjoè it-Tnejn fil-jum stess ta' l-ewwel smigħ ta' l-appell. Dana wieħed jifhem bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 108 tal-Kap. 12 li jipprovdi li jekk l-aħħar jum ta' xi terminu legali jew ġudizzjarju jkun xi jum minn dawk li fih ir-Reġistru tal-Qorti ma jinfetaħx - allura l-ferje, is-Sibt u l-Ħadd, "it-terminu għandu jitqies li jiskadi fil-jum li jiġi minnufih wara li ma jkunx wieħed minn dawk il-jiem";

Issa dan il-proviso ovvjament japplika fil-każ fejn l-avviż dovut taħt l-artikolu 209 ma jkunx ġie notifikat fi żmien utili biex l-appellant jingħata għaxart ijiem sħaħ li fihom seta' jagħmel id-depożitu. Jiġifieri jekk l-aħħar ġurnata ta' dak it-terminu legali kien jiskadi fil-jum tas-Sibt jew il-Ħadd jew festa pubblika oħra allura l-appell seta' jiġi kawtelat fil-ġurnata tat-Tnejn. Jekk mill-banda l-oħra jiġri kif ġara fil-każ taħt eżami li t-terminu favur l-appellant ikun skada kollu b'mod li hu jkun użufruwixxa t-tul kollu taż-żmien li l-liġi ttih biex jagħmel id-depożitu allura l-appellant hu dovut li jissodisfa l-obbligu tiegħu u jagħmel il-kawtela almenu jum qabel ma jibda jinstema' l-appell u dak il-jum għandu jitqies li jkun il-"jum legali jew ġudizzjarju", jiġifieri l-ġurnata ordinarja tax-xogħol meta r-Reġistru tal-Qorti jkun miftuħ biex jirċievi l-atti, inklużi dawk ta' depożitu - f'dan il-każ il-ġurnata tal-Ġimgħa ta' qabel l-ewwel jum tas-smigħ. Dan għaliex fil-verità t-terminu li jesiġi l-artikolu 209 hu dak ta' l-avviż ta' għaxart ijiem lill-appellant li fih kellu jagħmel id-depożitu u għal dan it-terminu li japplika l-benefiċċju ta' l-artikolu 108. Hu ċar li meta l-liġi tgħid li d-depożitu kellu jkun sa mill-inqas jum qabel" ma jibda jinstema' l-appell, tkun qed tirreferi għall-ġranet meta jinfetaħ ir-Reġistru tal-Qrati Superjuri għall-preżentati ta' l-atti ġudizzjarji li skond l-artikolu 109 sub-inċiż 2 huma "dawk il-ġranet u matul dawk il-ħinijiet li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' permezz ta' regolamenti jistabbilixxi". U dawk il-ġranet ma jinkludux il-ġranet tas-Sibt u tal-Ħadd. Il-proviso ta' dak is-subinċiż però jagħti ukoll rimedju *in extremis* fis-sens li r-Reġistru "jista' b'ordni speċjali tal-Qorti jew b'ordni mogħti mir-Reġistratur, jinfetaħ għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji f'kull jum jew ħin li jkun";

Rimedju li ma jidhirx li kien eskluż għall-appellant fiċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom imma li ma użufruwiex ruħu minnu. Id-depożitu ta' l-appell fil-każ taħt eżami allura jirriżulta li ma sarx fi żmien utili skond il-liġi;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-appell deżert u tordna l-kanċellament tiegħu minn fuq il-lista.**

---